MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 19 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 18 ta' Mejju 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Kunsilliera Ħamrun | Is-Sa Carmen Borg |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Viċi President/ Sindku Gudja | Is-Sa Maria Sara Vella Gafa |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku | Is-Sa Charmaine St John |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;

19.1.1 Il-President qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku ta' Santa Venera fejn ġiet mogħtija r-raġuni li għaliha ma setgħax jattendi.

19.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

19.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' Tmintax (18) il laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

19.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Charlo Mifsud u s-sekondat mis-Sinjura Carmen Borg, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 19.3 Komunikazzjoni mill-President;

**Attivita Xemx u Baħar ġewwa Ġnien Serenita**

19.3.1 Il -President informa lil membri li l-*kunċert Xemx u Baħar* li sar nhar is-Sibt 22 t'April ġewwa il-Ġnien tas-Serenità f'Santa Luċija kien suċċess u ir-Reġjun irċieva diversi kummenti pożittivi mill pubbliku presenti. Is-Sindku ta' Santa Luċija tenniet li serata kienet organizzata b'mod professjonali fuq kull att u irringrazzjat li-tim ta' Reġjun li ħa ħsieb l-organizzazzjoni.

**Attività Manuċċia ttir maż-żmien li-saret f'lokalita taż-Żejtun**

19.3.2 Il-President informa lil membri li l-attività *Manuċċia ttir maż-żmien* li saret f'lokalita taż-Żejtun nhar is-6 ta'Mejju 2023, kienet suċċess u ntlaqat tajjeb mill pubbliku . Huwa sostna li temi magħżula kienu interessanti u edukattivi. Is-Sindku irringrazzjat li Reġjun b'mod speċjali lil Maniġer tal-Kultura li kienet ta' għajnuna kbira flimkien mal-ħidma tal-Kunsillier responsabbli mill-kultura. Hija tenniet li l-attività ntelqet b'mod pożittiv min l-entitajiet kummerċjali. Ir-rispons kien tant illi diversi għaqdiet sostnew li l-attività għandi issir annwali.

**19.3.3 Capacity Building workshop - Intejbu r-riżorsi tagħna għal iktar effiċjenza**

Il-President informa li l-workshop - ***Intejbu r-riżorsi tagħna għal iktar effiċjenza*** li ġie organizzat mir-Reġjun għal Segretarju Eżekuttivi nhar 27 t'April 2023 kellu rispons tajjeb minn dawk li attendew. Wara sessjoni huma ingħataw formoli sabiex jagħtu il kummenti tagħhom b'mod unanimu. Mill kummenti miġbura jidher illi jinħass li dawn is-sessjonijiet huma mportanti ħalli jkun hemm kuntatt effiċjenti bejn il-partijiet kollha u ikunu iktar nfurmati b'dak li qed joffri Reġjun bħala servizz u għajnuna lil Kunsilli f'ħdan ir-Reġjun.

**19.3.4 Rapport tal-latrini -Skema latrini KRN/01/2023**

Il- President informa li kif kien maqbul waqt laqgħa tal-Kunsill numru 18, ġie formulat rapport mil-Maniġer responsabbli mill-proġetti u ntbagħat lid-Direttorat għal approvazzjoni. Fir-rapport ingħataw dettalji ta'ammont globali li l-Kunsill Reġjonali rċieva fuq dawn il-latrini, u kif ser tkun imqassma s-somma globali abbażi ta' l-applikazzjonijiet li rċieva ir-Reġjun.

Sar rikjest lid-Direttorat sabiex mill-ammont li jifdal ikun allokat lill-Kunsill Reġjonali sabiex l-istess Kunsill ikopri l-ispejjeż Amministrattivi marbuta ma' din l-iskema ewlenin fosthom waqt l-implimentazzjoni. Kif ukoll l-assistenza kollha mogħtija sabiex il-ħames proġetti ikunu konklużi b'suċċess u li jintlaħaq l-għan aħħari ta' din l-iskema permezz tal-moniteraġġ neċessarju li l-Kunsill Reġjonali ser ikun qed jagħmel matul iż-żmien.

**19.3.5 Valutazzjoni ta' Impatt Soċjali skont Direttiva 5/2019.**

Il-President qal li kien hemm attendenza tajba mis-Sindki u l-Kunsilliera għas-sessjonijiet tal-Focus Groups rigward valutazzjoni ta' Impatt Soċjali. L-esperti mill Universita ta' Malta kienu sodisfatti b'impenn l-intwera waqt id-diskussjonijiet fejn taw stampa ċara ta' diversi temi li jolqtu il-Kunsilli Lokali. Dan l-istudju ser jiġi miġbur f'rapport finali u jintuża sabiex jissaħħu il-Kunsilli u jkunu iktar effiċjenti li Reġjuni huma obbligati li jagħmlu skont Direttiva 5/2019.

**19.3.6 Rimbors ta' xogħolijiet lil ħaddiema tal-manutenzjoni**

Il- President talab lil membri li b'turija ta rikonoxximent lejn il ħaddiema tal-manutenzjoni ta' Reġjun jingħataw 500 ewro kull wieħed għax -xogħol siewi li qed jagħmlu fuq il- binja amministrattiva fit-Triq il-Vittorja. Dan ix-xogħol immur oltre mix-xogħol li jagħmlu ta' kuljum madwar il-lokalitajiet ta' Reġjun. Din is-somma hija ħafna inqas milli jkollu jħallas il-Kunsill għal xogħol simili. Kien hemm qbil mill-membri kollha preżenti.

19.3.7 **Servizz tal-ġbir ta' skart riċiklat mingħand entitajiet kummerċjali u ċimiterji - CT2138_2022 -Request for Approval -Variation**

Il-President informa lil membri li l-Kunsill Reġjonali irċieva mingħand Dipartiment tal-Kuntratti li rikjest dwar il-ġbir extra ta' skart riċiklat kummerċjali u l-iskart miċ-ċimiterji kien approvat. L-ispiża tal-ġabra kummerċjali ser titħallas mir-Reġjun u ir-Reġjun ser jiġi rimbors mill skema PRO. Dwar l-ispiża ta' ġbir ta' l-iskart miċ-ċimiterji ser titħallas mill-Kunsilli li għandhom iċ-ċimiterji f'ħdanhom. Min naħa tiegħu ir-Reġjun ser jissupplixxu skip sabiex titpoġġa f'ċimiterji ħalli l-iskart jitpoġġa fiha. Kien hemm qbil illi il-Kunsill l-għandhom iċ-ċimiterji f'lokalita tagħhom għandhom jinfurmaw lil Reġjun dwar kemm il ġabra ser ikollhom bżonn.

19.3.8 **Award in Office Administration**

.Il-President informa li wara li f'Lulju ta' sena l-oħra ġie approvat dan il-kunċett mill Kunsill Reġjun Nofsinhar bdiet ħidma ta' kooperazzjoni bejn il-Jobsplus u Reġjun sabiex ġew mfassla 'modules' immirati sabiex il-ħaddiema tal-kunsill it-tejbu il-ħiliet tagħhom. Dan il-kors huwa akkreditat b' MVQ Level 4 u l-eliġibilta hija ta' livell bażiku ħalli jintlaħqu ħafna iktar nies eliġibbli. Il-pjan huwa li dan il-kors jibda għal Ottubru ta' din is-sena iżda għadna qed nistennew mingħand Jobsplus. Għal Lulju qed jiġi pjanat li ssir konferenza stampa bl-involviment ta' Segretarjat għal Gvern Lokali u Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan il-proġett ħadmet fuqu il-Maniġer responsabbli mill skemi lokali u fondi Ewropej.

19.3.9 **UEFA U19 championship Malta - invit għar-Reġjuni**

Il-President informa li Malta Football Association se tkun qed tospita l-fazi finali tal-UEFA U19 championship bejn it-3 u s-16 ta' Lulju 2023. Din il-kompetizzjoni se tkun qed tara l-aħjar timijiet ta' taħt id-19-il sena fl-Ewropa jikkompetu flimkien ma' Malta fi stadia differenti madwar il-pajjiż. Il-Malta FA qed tikkommetti li torganizza t-trasport għar-reġjun kollu, minn postijiet speċifiċi f'kull kunsill lokali li jaqa' taħt dak ir-reġjun partikolari. Dawk ir-Reġjuni / Kunsill Lokali li huma interessati għandhom jibaghtu email fuq communications@mfa.com.mt u jsirulhom l-arranġamenti meħtieġa. Din il-korrispondenza ġiet mogħdija lil Kunsilli.

19.3.10 **Tender tal-Bini Amministrattiv – Southern Regional Hub**

Il-President informa li Tender SOUTHERN REGIONAL COUNCIL'S ADMINISTRATIVE BUILDING REHABILITATION, intbagħat li-Sectoral Procurement Department għal vetting ta' l-istess dokument qabel ma jiġi ppublikat.

19.3.11 **Devoluzzjoni ta' propjetà pubblika**

Il-President informa li bħalissa kien qed issir eżerċizzju mill Project Manager ta'kompilazzjoni dwar id-devoluzzjoni ta' propjetà pubblika. Sabiex tinġabar din l- informazzjoni il-maniġer

sostna li sab koperazzjoni mill- Kunsilli f'ħdan ir-Reġjun u kull ma kien baqa żewġ lokalitajiet min tnax.

19.3.12 **Ċir AKL 2023/045_LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal**

Il-President informa lil membri li Reġjun irċieva kommunikazzjoni mingħand AKL li sar MOU mal- Aġenzija LESA fejn ġie maqbul illi Reġjuni se jingħataw sa 100,000 ewro sabiex ikopru spejjeż relatati ma servizzi mogħtija mill-Aġenzija LESA, Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili. Huwa spjega illi dawn il-fondi se jkunu allokati għal attività waħda li kull Kunsill u NGO ser jorganizzaw u li matulhom ser jagħmlu użu min servizzi ta' entitajiet imsemmija u jkopru sentejn, jiġifieri 50,000 kull sena. Il-President tenna li Reġjun tħalla fil-libertà sabiex jiddeċiedi huwa sabiex jimplimenta l-aħjar proċedura ta' kif ser jitqassmu u jiġu amministrati il-fondi.

Wara diskussjoni bejn il membri preżenti ġie maqbul li ser tkun allokata s-somma ta' €700 għal kull Kunsill u NGO's fl-irħula rispettivi. Għaldaqstant dawn l-għaqdiet iridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom mal-Kunsilli Lokali fejn jagħmlu talba għal ħlas ta' servizzi matul l-attività' li tkun organizzata kif ukoll tkun preżentata l-irċevuta fiskali. Il-ħlasijiet li ser isiru jridu jkunu konformi mal-linji gwida mibgħuta fiċ-ċirkolari maħruġa mill-AKL u approvati mill-istess Kunsill Lokali. Sussegwentement dawn għandhom jintbagħtu lill-Kunsill Reġjonali sabiex isir rimbors lil Kunsill tal-ħlasijiet li jkunu saru. Dan ser isir sa mhux aktar tard minn 30 ġurnata li tkun saret it-talba kif indikat fiċ-ċirkolari.

19.3.13 **Aġent Segretarju Eżekuttiv – siegħat addizzjonali**

Il-President ressaq għal approvazzjoni siegħat addizzjonali li qed taħdem l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Huwa tenna li għal dan il-ħallas kien hemm ukoll approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-membri preżenti approvaw sa 20 siegħa addizzjonali

19.3.14 **Każ 1835 – Richard Cauchi vs Regjun Tramuntana, Regjun Punent, Regjun Ilvant, Regjun Nofsinhar**

Il-President informa li Reġjun ġie mitlub jidher quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Ċivili ( Superjuri) dwar każ li jirrigwarda Tender ta' Streetlighting. Huwa tenna li Reġjun ma għandux informazzjoni dwar dan il-każ. Il-każ għandu jinstema nhar il-25 ta' Mejju 2023

## 19.4 Skeda ta' Pagamenti;

19.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 05/23A-1 u 05/23B-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

19.4.2 Wara mozzjoni mressqa min Kunsilliera Carmen Borg u sekondati mis-Sindku Steven Grech il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 19.5 Rapporti

Ma kienx hemm rapport

## 19.6 Affarjiet Oħra

19.6.1 **Local Academy Training, 20-21 June in Vicenza (IT)**

Il-President informa li l-AKL kienet qed torganizza taħriġ f'Akkademja f'Italja. Ir-Regjun qed jirrakkomanda li tattendi Sa Ruth Galea Deputy Registrar. Il-membri preżenti qablu ma rakkomandazzjoni.

## 19.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

19.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Mariella Strout |
| President | Aġent Segretarju Eżekuttiv |